Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2012

Rikors Numru. 268/2012

**AB**

**vs**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet:

Illi l-partijiet izzewgu nhar l-erbatax (14) ta’ Mejju tas-sena elfejn u erbgha (2004) fil-Knisja parrokkjali taz-Zurrieq (vide Dok SG1);

Illi minn dan iz-zwieg huma ma kellhomx ulied;

Illi l-partijiet ilhom legalment separati ghal dawn l-ahhar sitt snin b'kuntratt redatt min-Nutar Dottor Elena Farrugia datat erbgha u ghoxrin (24) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006) – (vide Dok SG2);

Illi mill-pronunzjament tas-separazzjoni personali minn xulxin, il-partijiet qatt ma kellhom attivita sesswali bejniethom;

Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin u illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;

Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut sa llum, kif kien gie miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni ta' bejniethom;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet; u

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta guramentata tal-intimat, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

Li permezz taghha huwa jirrileva li jaqbel li t-talbiet ghal pronunzjament tad-divorzju bejn il-partijiet jigu milqugha, stante li l-partijiet :

- Ilhom oltre erba' snin separati legalment, u dan permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 24 ta Jannar 2006, in atti tan-Nutar Dott. Elena Farrugia, liema kuntratt

jinsab esebit mar-rikors promotur immarkat bhala Dokument SG 2.

- Illi minn dan iz-zwieg ma twieldux ulied, u l-partijiet ma jmantnux lil xulxin.
- Illi ma jezistix prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, peress li illum il-gurnata l-partijiet ghandhom il-hajja separata taghhom

Tant ghandu unur jissottometti l-konvenut a savju u superjuri gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul; u dana peress illi hija ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Jannar 2006;

Illi gie ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi r-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda manteniment dovut skond kif miftiehem bejn il-partijiet fil-kuntratt tas-separazzjoni bejniethom u illi minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------